TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT G3/12 (JE).

Delina Sultana

vs

Caruana & Cini Co. Ltd.

Illum, 19 ta' Settembru 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Delina Sultana illi qalet illi xtrat forn mingħand is-soċjetà konvenuta f'Diċembru 2009 biex il-mastrudaxxa ikun jista' jibdilha l-bank tal-kċina. Il-forn ġie stallat mit-tekniċi tas-soċjetà konvenuta f'April 2010 u minn dakinhar bdiet il-garanzija. F'April 2011, il-forn marlu l-lastku tal-bieba u l-attriċi kellha tħallas € 25.75 għax is-soċjetà konvenuta qaltilha illi ma kienetx koperta bil-garanzija. Ftit wara bdiet taqa' s-salvavita u l-attriċi ġiet infurmata illi kien marilha xi filament u tqaxrilha l-lacquer tal-bieba. Is-soċjetà konvenuta ħadet il-forn għat-tiswija f'Malta u l-attriċi damet mingħajru tnax-il jum. Wara ftit li ġie lura, beda ħiereġ il-fwar u l-attriċi ġiet infurmata mit-tekniku tas-soċjetà konvenuta illi l-forn kienet tkissirlu ċ-ċappetta. Il-forn reġa mar Malta u rriżulta illi nbidlitlu l-bieba.

Madankollu, il-problema tal-fwar ma ssolvietx. Is-soċjetà konvenuta ċaħdet l-esistenza ta' din il-problema u dan anke wara illi rappreżentanti tagħha ppruvaw il-forn. Sostniet illi l-attriċi għandha problema ta' ventilazzjoni u offrietilha forn simili imma b'difett għall-prezz ta' € 250. Il-mastrudaxxa tal-attriċi ċaħad illi huwa ma kienx ħaseb għall-ventilazzjoni u sostna illi huwa kien għamel kemm il-kċina simili. Rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, Manuel Ċini mar għand l-attriċi u skond l-attriċi, ikkonstata illi kellha ventilazzjoni adekwata. F'dik l-okkażjoni, l-attriċi lmentat ukoll illi l-forn l-anqas għadu jsajjar bħal qabel għax meta tuża l-fan, ikollha taqleb id-dixxijiet biex isiru minn taħt u minn fuq. Għaldaqstant, l-attriċi talbet illi l-forn jinbidel b'wieħed ġdid għaliex kull tentattiv sabiex jiġi rranġat il-forn ma tax riżultati sodisfaċenti.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi permezz tagħha sostniet illi l-forn in kwistjoni jinsab fi stat funzjonabbli tajjeb u ma fihx difett kif allegat mill-attriċi. Is-soċjetà konvenuta sostniet ukoll illi huwa normali li toħroġ arja sħuna mill-forn u fil-fatt hemm spazju apposta fil-bieba ta' fuq tal-forn għal dan l-iskop. Hu ukoll normali li meta dan il-forn ikun jinsab f'kamra

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

kiesħa u/jew umduża, l-arja sħuna msemmija tikkonverti ruħha fi fwar; sostniet ukoll illi m'huwiex minnu li l-forn m'huwiex isaħħan biżżejjed. Is-soċjetà konvenuta kkontestat illi hija stqarret illi l-forn in kwistjoni kien ventilat adekwatament u sostniet illi meta spezjonatu, il-backpanel ta' l-għamara kien għadu fil-post.

Illi finalment il-forn in kwistjoni nxtara mingħand Forestals Malta u peress illi saru diskussjonijiet direttament bejn l-attriċi u din id-ditta f'diversi okkażjonijiet, ikun utli illi din id-ditta tissejjaħ f'dawn il-proċeduri.

Illi inoltre, meta verament kien hemm difetti fil-forn, is-soċjetà konvenuta rranġathom immedjatament u qdiet lill-attriċi oltre minn dak mitlub minnha.

Ra l-provi tal-partijiet u aċċeda fuq il-post tal-attriċi sabiex jara l-forn in kwistjoni fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2014.

Ikkunsidra.

Illi fl-ewwel lok, irid jingħad illi s-soċjetà konvenuta ma nsistietx fuq it-talba tagħha għall-kjamata in kawża tal-prinċipal tagħha, Forestals Malta u għaldaqstant, tali kjamata in kawża qatt ma saret. Għaldaqstant, it-talbet attriċi huma indirizzati esklussivament fil-konfront tas-soċjetà konvenuta.

L-attriċi stqarret illi xtrat bosta appliances mingħand is-soċjetà konvenuta bil-prezz ta' € 1,158, fosthom forn illi sewa madwar € 563. L-unika appliance illi tatha problemi kien il-forn in kwistjoni illi fih bdew jidhru l-problemi wara sena illi kien jintuża. L-ewwel inbidlet il-lastkuwa tal-bieba illi nbidlet a spejjeż tagħha peress illi ma kinetx koperta bil-garanzija. Wara żviluppat ħsara fil-filament imma għalkemm din il-ħsara ssewwiet taħt il-garanzija, xorta tfaċċaw litanija ta' problemi oħra illi nneċessitaw illi l-forn kellu jmur għat-tiswija għand is-soċjetà konvenuta jew għand il-prinċipal tagħha. Fil-preżent, l-attriċi lmentat illi l-forn m'għadhux isajjar kif kien jagħmel fil-bidu għax l-ikel ma jissajjarx kullimkien u l-forn għandu problema illi jitfa' l-fwar meta jintuża.

Is-soċjetà konvenuta qiegħda ssostni illi l-forn in kwistjoni m'għandu l-ebda difett u li qed jiġri huwa minħabba nuqqas ta' ventilazzjoni. Qiegħda tinsisti illi l-attriċi tneħħi l-back-panel tal-injam illi hemm wara l-forn. L-attriċi min-naħħa tagħha tirribatti illi fl-ewwel sena ma kien hemm l-ebda problema bi fwar illi joħroġ mill-parti ta' quddiem minkejja illi l-ventilazzjoni tal-forn baqgħet l-istess u illi l-mastrudaxxa tagħha assiguraha illi għamel kemm il-kċina simili mingħajr ma qatt kellu problemi. Is-soċjetà konvenuta tgħid mill-banda l-oħra illi l-problema fil-fwar ma kienetx tidher għaliex il-bieba ma kienetx tagħlaq sew u l-fwar kien jisvoga fil-bieba.

Rinfaċċjat b'dawn iż-żewġ verżjonijiet konfliġġenti, it-Tribunal irid jagħrbel sew il-provi kollha prodotti u jagħti piż liċ-ċirkostanzi kollha. B'mod partikolari, irid jagħti piż lil żewġ ċirkostanzi illi fl-opinjoni tiegħu jdgħajfu l-każ tal-attriċi. Fl-ewwel lok, hija stqarret illi hija

qatt ma kkomunikat ma ħadd ħlief mas-soċjetà konvenuta. Irriżulta illi fil-fatt hija kkommunikat mad-ditta estera illi mmanifatturat il-forn illi mill-ewwel irraġirat l-ilment tagħha lejn ir-rappreżentant lokali tagħha. Aktar serju minn hekk, l-attriċi naqset illi tippreżenta ruħha għal appuntament fil-fond tas-soċjetà konvenuta fejn kellhom isiru xi testijiet fuq il-forn in kwistjoni. It-Tribunal ma jifhiemx kif l-attriċi m'hux biss ma ppreżentatax ruħha għal dan l-appuntament imma talli l-anqas biss avżat lis-soċjetà konvenuta illi kellha problema biex tirrispetta tali appuntament għax allegatament ma kellhiex trasport. Tali aġir m'huwiex skużabbli u t-Tribunal jiġi ndott biex jiddubita jekk l-attriċi fil-verità kellhiex ir-rieda illi tinstab soluzzjoni sodisfaċenti għall-ilmenti tagħha. Tajjeb illi wieħed ifakkar illi l-proċeduri f'dan it-Tribunal m'għandhomx jintużaw sabiex jiġu ventilati lmenti/bi ftit bwon sens jistgħu jiġu evitati.

Illi min-naħa l-oħra, id-difiża tas-soċjetà konvenuta illi l-attriċi m'hijiex tuża l-forn in kwistjoni kif suppost u m'hijiex tħalli ventilazzjoni adekwata lill-istess forn għandha tingħata piż. Is-soċjetà konvenuta jidher għamlet l-almu tagħha sabiex tindirizza l-ilmenti tal-attriċi. Barra illi jidher illi rrispettat it-termini tal-garanzija, jidher ukoll illi bidlet minn jeddha u mingħajr ma talbet ħlas mingħand l-attriċi l-bieba tal-forn in kwistjoni illi kienet ġarrbet ħsara fil-lacquer meta l-lastkuwa tagħha ma kienetx tagħlaq sew.

Għar-raġunijiet premessi, u peress illi l-attriċi ma ppruvatx adekwatament illi l-forn in kwistjoni wera xi nuqqas ta' konformità ma' dak illi oriġinarjament kien mixtri, it-Tribunal qed jiċħad it-talba attriċi.

In vista tan-natura tal-vertenza, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.